MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru. 167/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**Kreaton Cutajar.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Kreaton Cutajar ta' 26 sena mwieled fir-Renju Unit fis-27 ta' Lulju 1977 iben Emanuel u Patricia nee Cutajar li għandu l-karta tal-identita' bin-numur 600977 (M) residenti Scicluna Flats Flat 3 Triq is-Siberja Marsascala u 19 Alley 3 Britannia Square Tarxien

(a) Akkużat talli fil-25 t'Awwissu 2001 u fil-ġranet ta' qabel din id-data forna jew pprokura jew offra li jforni jew li

jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Kif wkoll talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-ordni tal-Avukat Ġenerali (fol3), iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 6009 tal-

1977, il-fedina penali tal-imputat, in-nomina tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel analiżi tas-sustanza esibita, l-istqarrija tal-imputat a fol 19, ir-rapport tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 26), d-dikjarazzjoni li bih id-difiża eżentat il-Prosekuzzjoni milli ttella' l-PC 1183 (xhud tal-istqarrija) (fol 29) u d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti**

5. Fil-25 t'Awwissu 2001, kienet saret tfittxija fl-appartament fejn kien qed joqgħod l-imputat u minn hemm kienet elevata sustanza żgħira suspettata eroina. Kienu elevati wkoll Lm68 (illum €158.40) minn fuq l-imputat.

**L-Istqarrija tal-Imputat**

6. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li kein ilu juża d-droga eroina ħames xhur. L-aħħar li kien uża l-eroina kien is-Sibt ta' qabel it-28 t'Awwissu 2001 (jum l-istqarrija).

7. L-imputat qal ukoll:

***'Għandi ngħid li peress li jiena nuża madwar tmien qratas ta' Lm10 kull jum jien nbigħ xi pakketti biex ikolli għall-habit tiegħi' (fol 19).***

8. Huwa kien jixtri żewġ grammi eroina kull jum u minn dawn iż-żewġ grammi kien joħroġ 19 jew għoxrin pakkett. Minn dawn kien juża tmeinja hu u l-oħrajn ibiegħhom.

9. Huwa qal ukoll li meta marru fuq l-Pulziija kien għadu kif ta pakkett eroina lil Charlo Cutajar lil Charlo Cutajar bil-prezz ta’ Lm8 (€18.64).

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni bil-kontro-eżami tad-difiża.**

10. Xehed PS 114 Massimo Persiano li kkonferma li kienet instabet xi reżina tal-cannabis u bott tal-Pringles li ien fih trab kannella suspettata droga eroina fl-appartament tal-imputat. Fl-Awla għaraf l-esibiti ( fol 27) li kienu elevati minn Flat 3 Scicluna Flats Triq is-Siberja Marsascala.

11. Fil-kontro-eżami kkonferma li kienu arrestaw lill-imputat barra mill-appartament. Fil-post kien hemm xi sachets u xi qratas vojta.
PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed li fil-jum imsemmi kienu raw lill-imputat jagħmel kuntatt ma’ bneidem ieħor, għamlu tfittxija fuqhom u ma sabu xejn. Imbagħad ikkonferma x’kien elevat mid-dar tal-imputat.

12. Fil-kontro-eżami PC 10 Trevor Cassar Mallia qal li l-ammont misjub kien żgħir iżda kien hem mil-qratas.

13. PC 533 Ryan Pace u PC 1183 Oliver Borg ikkonfermaw il-verżjonijiet mogħtijiet fiż-żewġ paragrafi ta’ qabel dan.

14. Fil-kontro-eżami huwa xehed li kien ra lil Charlo Cutajar jaqbad xi ħaġa u tefagħħa f’ħalqu. Imbagħad belagħha.

15. L-Ispiżjar Mario Mifsud xehed li kien sab ammont ta’ THC (o.345 grammi) u 1.558 grammi ta’ eroina b’purita’ konsiderevoli. Kien hemm ukoll tletin biċċa tal-plastic li fuqhom kein hemm traċċi tas-sustanza eroina.

**Difiża (barra l-kontro-eżamijiet)**

16. Xehdet Maria Consiglia Fenech, rappreżentanta tas-Sedqa li qal li l-imputat kien sejjer tajjeb ħafna. (fol 52 u 53).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

17. L-ewwel imputazzjoni kienet ippruvata mill-istqarrija tal-imputat stess meta mhux biss ammetta li kien għadu kif ta pakkett eroina lil Charo Cutajar (fol 20) iżda qal ukoll li kien ilu jabbuża mid-droga għal dawn l-aħħar ħames xhur, li kull jum kien jixtri żewġ grammi li minnhom kien joħroġ madwar 19 jew 20 pakkett, juża tmien pakketti hu u jbiegħ 11 jew 12-il pakkett.

18. L-imputat qal li kien jagħmel dan biex ikollu flus ħalli jkompli l-vizzju tiegħu.

19. Instabu wkoll qratas vojta meta saret tfittxija fl-appartament.

20. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni ‘l hemm minn kwalunkwe dubju raġonevoli u għalhekk qed issib lill-imputat ħati tagħha.

**It-Tieni Imputazzjoni**

21. Kien ippruvat forensikament li nstabet id-droga eroina għand l-imputat f’ammont ta’ 1.588 grammi. Instabu wkoll il-qratas.

22. L-imputat stess ammetta li kien jixtri żewġ grammi kull jum u mill-pakketti li kien iħejji, kien iżomm tmienja għalih u l-bqija jbigħhom.

23. Għalhekk din it-tieni imputazzjoni kienet ippruvata wkoll b’dan pero’ li jidher lid an il-pussess aggravat u l-bejgħ kien kontemporanju kif jidher mill-parametri taż-żmien imsemmija kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni

imputazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti qed tqis li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**Konklużjoni**

24. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) u 29 tal-Kap 101 qed issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

25. Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat jimmerita li jgawdi mill-benefiċċju tal-artikolu 29 tal-Kap 101 f'żewġ gradi. Ikkonsidrat ukoll li l-imputat kien ilu xi żmien għaddej ibigħ. Il-Qorti trid tiċċara żewġ punti:

(a) Dwar l-ammont, il-Qort qed tagħmilha ċara li ammont ta' gramma u nofs ta' eroina diġa' huwa ħafna kif intwera minn dak li qal l-imputat stess għaliex minn gramma waħda tista' toħroġ għadd ta' qratas li jista' jkun saħansitra 10 jew aktar. Il-każistika Maltija turi li wkoll għal ammont ta' anqas minn gramma eroina, imputat kellu kundanna ta' priġunerija għal żmien sew

(b) Li ħadd m'hu skużat mil-liġi met jbigħ id-droga biex ikollu flus għall-vizzju tiegħu. Il-liġi xorta tqis dan bħala traffikar.

29. Għalhekk il-Qorti, wara li kkonsidrat l-artikolu 29 tal-Kap 101 fl-intier tiegħu kif ukoll l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' seba' xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €550. Il-multa tista' titħallas b'rata ta' 50 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma titħallasx xi parti minn din il-multa, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

30. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat €323.75 bħala ħlas ta' esperti fi

żmien xahrejn mil-lum. Dan l-ammont ukoll jinbidel fi priġunerija skond il-Liġi jekk ma jitħallasx fiż-żmien mogħti.

31. Dan il-każ ħa ż-żmien għaliex għal 7 differimenti l-imputat ma kienx instab. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fil-5 ta' Frar 2007.

32. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-drogi taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

33. Fl-ahhar nett il-Qorti qed tordna il-konfiska tal-flus esebiti u cioe LM68, favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------